MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 757/2002/1

**Jason Galea**

**vs**

**Annabelle Jayne Cumbo**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' April, 2002 fejn intqal illi:**
**L-attur qed jitlob li l-konvenuta tigi dikjarata responsabbli ghall-incident li sehh fl-24 ta' Ottubru, 2001 fi Triq il-Gzira, Gzira, waqt li l-istess konvenuta kienet qed issuq l-vettura EAU-794 u dahlet gol-vettura ta' Jason Galea numru ta' registrazzjoni ABF-671;**
**L-attur qed jitlob ukoll li l-konvenuta tigi kundannata thallas lill-attur is-somma ta' hames mija u wiehed u tmenin lira Maltija u disgha u hamsin centezmu**

**(Lm581.59) jew somma ohra verjuri cioe` s-somma ta' danni li l-attur hallas in linea ta' danni ghall-istess incident;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' dawn il-proceduri kontra s-socjeta` assiguratrici tal-konvenuta u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuta prezentata fis-26 ta' Gunju, 2002, fejn intqal illi hekk kif il-konvenuta kienet qed issuq il-vettura taghha l-attur fetah il-bieba tieghu fuqha. Ir-responsabilita` unika ta' l-incident hija tieghu u ghalhekk qed issir il-kontro-talba apposita.**

**Illi fil-kontro-talba l-konvenuta tablet il-hlas ta' hames mitt lira Maltija (Lm500.00) peress illi ghall-kollizzjoni de quo kien l-attur unikament responsabbli meta fetah il-bieba tieghu waqt li kienet ghaddejja minn hdejh. Hi sofriet danni u qed titlob ir-risarciment.**

**Ra r-risposta ghall-kontro-talba prezentata fis-16 ta' Lulju, 2002 fejn intqal illi:**

**L-esponenti jirrespingi l-allegazzjonijiet kollha maghmula mill-konvenuta rikonvenzjonanti, u kontenuti fil-kontro-talba taghha ghall-Avviz tat-talba fit-Tribunal ghal Talbiet Zghar maghmula mill-esponenti, bhala infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi:**

**Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-atturi ingunti ghas-subizzjoni.**

**Fir-risposta dettaljata ghal kontro-talba, l-esponenti rrespingew l-allegazzjonijiet kollha maghmula mill-atturi u kontenuti fl-avviz tat-talba bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt, stante illi :**

**1) il-kontro-talba da parti tal-konvenuta rikonvenzjonanti ghandha tigi slifzata stante illi ma saritx entro t-terminu stabbilit mill-Ligi.**
**2) Ghall-incident in kwistjoni kienet unikament responsabbli s-sewwieqa tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EAU-794, ossija Annabelle Jayne Cumbo, kawza ta' imprudenza, imperizja u nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha;**

**3) Bla pregudizzju ghas-suespost l-ammont pretiz mill-konvenuta huwa eccessiv.**
**4) Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-atturi ngunti ghas-subizzjoni.**

**Semgha x-xhieda ta' Jason Galea, Catherine Borg, Rose Rodenas, Annabelle Jayne Cumbo, Marie Odette Rapinett u PS 1102 Robert Everest. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Dan il-kaz jirrigwarda kollizjoni li sehhet fl-24 ta' Ottubru, 2001 ghall-habta tal-8.00pm., go Triq il-Gzira, l-Gzira, bejn il-vettura ABF 671 misjuq mill-attur u l-vettura EAU 794 misjuqa mill-konvenuta.**
**2. Skond ir-road accident report esebit u konfermat minn PS 1102 Robert Everest, l-attur kien ipparkjat bil-bieba miftuha meta gara l-incident u l-konvenuta kienet ghaddejja u ma ratx il-bieba miftuha u dahlet fuqu.**
**3. L-attur jikkonferma dak li hemm fir-rapport, fis-sens li kien ipparkjat u li kellu l-bieba miftuha, kien qed jghalaqha u kien qed ikellem Rose Rodenas, meta giet il-vettura tal-konvenuta u laqtitlu l-bieba. Meta gara l-incident l-attur ighid illi kien quddiem il-bieba, cioe' fejn il-mudguard u kien ipparkjat f'post tal-parkegg. Wara li laqtitu l-attur ighid li l-konvenuta baqghet miexja tul ta' tlett karozzi u hu kellu hsara fuq ix-xoffa tal-bieba u l-hgiega, kif ukoll inqarset il-bieba.**

**4. Rose Rodenas tikkonferma li kienet fil-gallerija titkellem ma' l-attur qabel l-incident. Rat il-karozza gejja u l-hgieg jinkiser. Fl-istess sens xehdet Catherine Borg.**
**5. Il-konvenuta xehdet li rat bieba qed tinfetah, ippruvat tevitaha pero` kienet vicin wisq meta nfethet. Hi qalet li bil-paniku ma ghafsitx il-brake u baqghet miexja. Il-konvenuta ma qablitx ma dak li hemm imnizzel fir-rapport tal-pulizija bhala diskors li qalet hi. Il-versjoni tal-konvenuta hi konfermata minn Maria Odette Rapinett li tiftakar il-bieba ta' l-attur tinfetah, pero' din tghid li l-attur ma ratux qabel l-incident, la barra u lanqas gewwa.**
**6. Fil-fehma tat-Tribunal, wiehed ma ghandhux jiskarta dak li gie mnizzel mis-surgent *a tempo vergine* fir-rapport tieghu li fil-fatt jinsab korroborat mix-xhieda ta' Rose Rodenas u Catherine Borg. Ma hemmx dubbju illi waqt li kienet ghaddejja mit-triq imsemmija, l-konvenuta ma kienetx attenta ghall-vetturi li kien hemm parkeggjati fil-genb. L-attur ghalkemm kien bil-bieba miftuha ma jirrizultax li kien fil-vettura u lanqas li fetah il-bieba f'salt meta kienet gejja l-konvenuta. Jidher ukoll illi l-konvenuta hadet lill-attur proprju fit-tarf tal-bieba u dana jista jkun indikattiv ta' zball ta' kalkolu li kieku wiehed jaccetta illi l-konvenuta fil-fatt kienet indunat bil-bieba miftuha. Huwa rilevanti wkoll il-fatt illi l-konvenuta f'ebda waqt ma zammet brake, anzi baqghet miexja. Ghalhekk ghall-incident in kwistjoni ghandha tigi ritenuta unikament responsabbli l-konvenuta.**
**7. Bhala danni l-attur qed ighid li kellu hames mija wiehed u tmenin lira u disa' u hamsin centezmu (Lm581.59c). Id-danni jinsabu konfermati mill-attur Jason Galea fl-ammont imsemmi.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi qed jichad il-kontro-talba tal-konvenuta, in kwantu ghall-incident inkwistjoni kienet unikament responsabbli hi, qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' hames mija wiehed u tmenin lira u disa' u hamsin centezmu (Lm581.59c), bl-**

**imghaxijiet li jibdew jiddekorru millum sal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' l-avviz kontra s-socjeta' assikuratrici tal-konvenuta ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------